MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 501/2004

**Capital Services Limited**

**vs**

**Woodline Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Marzu, 2004, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitta u disghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm96.60) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjatau ta' servizzi rezi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali datata 2 ta' Dicembru 2003 u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta konvenuta mid-data tal-konsenja.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-23 ta' April 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitta u disghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm96.60 ), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Dicembru 2003 ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------